**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Nru: 915/17 GG**

**Brian Schembri detentur tal-karta ta' residenza Franciza Numru F310001676**

**vs.**

**National Orchestra Limited (C-21996)**

**Kawza Nru: 3**

Illum 30 ta' Settembru, 2024

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Mahluf ta' Brian Schembri ippreżentat quddiem din il-Qorti diversament preseduta fil-5 t'Ottubru, 2017 bis-segwenti premessi u talbiet:

1. Illi l-attur kien impjegat mas-socjeta' konvenuta permezz ta' kuntratt ta' impjieg datat 12 ta' Dicembru 2013, (hawn anness bhala Dok. A) li kien ghal perjodu ta' tliet snin

u li wara kien jiġġedded awtomatikament. Fil-fatt dan gie imġedded wara il-31 ta' Dicembru 2016.

2. Illi l-kuntratt fi klawżola 7(b) kien jistipula hekk: "Should this agreement be terminated by the Orchestra, the Orchestra will pay the Maestro a full 3 year payment."

3. Illi kif jirrizulta mill-email communication datata 21 t'Awissu 2017, (kopja hawn annessa bhala Dok. B), il-kuntratt tal-attur gie terminat mis-socjeta kontenuta, talli l-attur m'accetax l-emendi ghall-kuntratt li gew lili proposti, liema emendi kienu jmorru direttament kontra l-kontenut tal-Kap. 452, stante li kienu jitolbu li l-attur jirrinunzja ghall-kuntratt ta' impjieg indefinit li kellu, u jaċċetta minflok kuntratt definit ta' erba' snin, b'termini differenti.

4. Illi s-socjeta' konvenut ghazlet li tuzufriwixxi mill-klawzola 7(b) tal-kuntratt t'impjieg u b'hekk gie ipso jure dovut lill-attur l-ekwivalenti ta' tliet snin paga.

5. Illi kif jirrizulta mill-workings hawn annessi bhala Dok. C, l-ammont ta' tliet snin paga jammonta ghal €168,431.96.

6. Illi b'hekk is-socjeta konvenuta intimata ghandha thallas lill-attur rikorrenti s-somma ta' €168,431.96 liema somma tirrappreżenta tliet snin paga dovuta f'kaz ta' terminazzjoni tal-impjieg tal-attur mis-socjeta' konvenuta, ai termini ta' klawżola 7(b) tal-kuntratt ta' impjieg.

7. Illi dan id-dejn huwa ċert, likwidu u dovut u għalkemm interpelleta, anke uffiċjalment, is-socjeta konvenuta intimata baqghet inadempjenti, u sahansittra injorat ghal kollox l-ittri lilha mibghuta;

8. Illi fil-fehma tal-attur rikorrenti is-socjeta konvenuta intimata m'ghandiex eċċezzjoni valida x'taghti kontra din l-azzjoni u ghalhekk jeżistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi sabiex it-talbiet tal-attur jiġu deċiżi bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12);

Ghaldaqstant l-attur rikorrenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti

(1) Tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa ta' smigh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili; u

(2) Tikkundanna lis-socjeta konvenuta intimata thallas lill-attur s-somma minnha dovuta ta' €168, 431.96 liema somma tirrapreżenta tliet snin paga dovuta f'kaz ta' terminazzjoni tal-impjieg tal-attur mis-socjeta' konvenuta

Bl-ispejjez inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru li qed jiġi intavolat kontestwalment u bl-imghaxijiet legali mill-21 ta' Awwissu 2017 kontra s-socjeta konvenuta intimata li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet tagħha diversament preseduta tas-7 ta' Novembru, 2017 li bih ddecidiet li l-konvenuta writet illi għandha eccezzjonijiet *prima facie* fil-ligi jew fil-fatt x'iggib kontra l-mertu tal-azzjoni attrici u akkordat lill-konvenuta zmien għoxrin jum sabiex tipprezenta r-risposta guramentata tagħha;

Rat ir-Risposta Guramentata ta' National Orchestra Limited ippreżentata quddiem din il-Qorti diversament preseduta fis-27 ta' Novembru, 2017 li biha wiegbet:

1. Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda għar-ragunijiet segwenti:

i. Illi kuntrarjament għal dak espost mill-attur, ma huwiex minnu li s-socjeta' konvenuta temmet il-kuntratt tiegħu peress illi huwa ma aċċettax l-emendi proposti lilu fin-kuntratt ta' impjieg;

ii. Illi fl-ewwel lok, l-attur naqas milli jaderixxi ma' numru ta' obbligi u disposizzjonijiet kuntrattwali tiegħu kif ser jiġi ampjament ippruvat waqt il-kawża;

iii. Illi oltre dan u fit-tieni lok, l-attur abbanduna l-impjieg tiegħu meta naqas li jkun preżenti biex jidderieġi kunċert kif kien mitlub jagħmel fl-24 ta' Gunju 2017;

iv. Illi in vista ta' dan l-abbandun, is-socjeta' konvenuta kellha taghmel arranġamenti ta' emerġenza sabiex jinġieb Maestro sostitut ghall-attur, u dan bi spiża konsiderevoli inaspettata li ġiet sostnuta mill-istess socjeta' konvenuta;

v. Illi sussegwentament, is-socjeta' konvenuta rrizolviet li tittermina l-impjieg ta' l-attur f'laqgha tal-Bord tad-Diretturi proprju fit-30 ta' Gunju 2017, sitt ijiem biss wara li r-rikorrenti abbundanza l-impjieg tieghu;

vi. Illi l-attur filwaqt li gie mgharraf bil-motivi li jiġġustifikaw it-terminazzjoni tal-impjieg tieghu, fl-ebda istanza ma kkontesta l-motivi wara din it-terminazzjoni;

2. Illi ghalhekk, is-socjeta konvenuta kellha raġunijiet validi u sufficjenti fil-ligi sabix tittermina l-impjieg ta' l-attur u konsegwentament ma hemm l-ebda ammont dovut minnha lilu.

3. Illi konsegwentament it-talbiet tal-attur ghandhom jiġu michuda fl-intier taghhom bl-ispejjez kontra tieghu.

4. Salv eċċezzjonijiet ohra ulterjuri.

Rat il-**kontro-talba tas-socjeta' konvenuta National Orchestra Limited (C-21996)** bis-segwenti premessi u talbiet:

1. Illi s-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanta National Orchestra Ltd tixtieq tipprevelixxi ruhha mid-dritt li tippreżenta kontro-talba fil-konfront tal-attur rikonvenzjonat ai termini tal-Artikoli 396 et seq tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi s-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanta kellha fis-sehh kuntratt ta' impjieg mal-attur rikonvenzjonat sabiex huwa jservi lill-Orkestra Nazzjonali u jwettaq obbligi kuntrattwali bi' professjonalita', lealta' u diliġenza bhala impjegat taghha;

3. Illi l-attur rikonvenzjonat naqas milli jwettaq uhud mill-obbligi kuntrattwali u dan minkejja li regolarment kien mwissi mis-socjeta' rikonvenzjonanta anki permezz ta' korrispondenza sabiex jaderixxi ma' dawn l-istess obbligi;

4. Illi l-attur rikonvenzjonat baqa' inadempjenti u f'diversi okkazzjoanijiet ma' segwiex dawn l-obbligi u deċiżjonijiet mehuda mill-istess socjeta'

5. Illi l-istess attur rikonvenzjonat sahansitra abbanduna l-impjieg tieghu fil-jiem preċedenti ghall-kuncert tal-24 ta' Gunju 2017, li wasslet ghat-terminazzjoni tal-impjieg tieghu;

6. Illi ghalhekk, mehud kollox f'daqqa, s-socjeta' konvenuta rikonvenzjananta kellha raġunijiet validi u suffiċjenti fil-ligi sabiex tittermina l-impjieg tieghu u dan kif sejjer jiġi ppruvat ahjar waqt l-proceduri odjerni;

7. Illi din it-terminazzjoni sehhet ghal raġunijiet attribwibbli ghall-attur rikonvenzjonat u tali terminazzjoni kkawżat danni attwali u emerġenti lil istess socjeta' konvenuta rikonvenzjonanta u dan kif sejjer jiġi ppruvat ahjar waqt l-proceduri odjerni;

Jghid ghalhekk l-attur rikonvenzjonat ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni, ordni u provvediment opportun joghogobha:-

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-attur rikonvenzjonat huwa unikament responsabbli ghall-akkadut li wassal ghat-terminazzjoni tal-impjieg tieghu mas-socjeta' konvenuta rikonvenzjonata;

2. Tiddikjara u tiddeċiedi li r-rikorrent rikonvenzjonat huwa unikament responsabbli ghad-danni kollha subiti mis-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanta, inklużi dawk naxxenti mill-kuntratt tieghu, u dan minhabba l-agir ta' l-istess attur rikonvenzjonat;

3. Tillikwadi d-danni hekk sofferti mis-socjeta' konvenuta rikonvenzjonat okkerando n-nomina ta' perit u esperti nominandi jekk ikun il-kaz;

4. Tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat ihallas lis-socjeta' konvenuta rikonevnzjonanta dawk id-danni li jiġu hekk likwidati ai termini tat-talbiet tal-istess soċjetà konvenuta rikonvenzjonanta hawn premessi.

Bl-ispejjez ta' kull proċedura kontra l-istess attur rikonvenzjonat li minn issa huwa ingunt in subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata tal-Avukat Kris Borg bhala mandatarju specjali ta' Brian Schembri, presentament assenti minn Malta ippreżentata quddiem din il-Qorti fl-14 ta' Dicembru, 2017 li biha wiegeb:

**Preliminarjament:**

Illi l-kontrotalba tas-socjeta konvenuta tallega li l-attur abbanduna x-xoghol tieghu u li s-socjeta' konvenuta kellha

raġuni tajba u suffiċjenti sabiex tittermina l-impjieg tal-attur, bil-konsegwenza li sofriet dannu bhala riżultat ta' dan. Naturalment l-attur jirrespingi tali allegazzjonijiet fil-konfront tieghu. Allura biex il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni dwar jekk ir-rikonvenzjoni hijiex legalment fondata jew le, trid bilfors tinvesti l-fatt dwar jekk it-terminazzjoni tal-impjieg kienitx wahda ġusta jew le. Madankollu din il-materja hija kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali, u kwindi qed jiġi eccepit li din il-Qorti m'ghandiex ġurisdizzjoni li tisma l-kontro talba ratione materie ai termini tal-artikolu 75(1) tal-Kap. 452.

**Fil-mertu u minghajr preġudizzju ghas-sueccepit:**

Illi l-attur jirrespingi bhala infundanti fil-fatt u fid-dritt it-talbiet tikonveznjonali.

Il-attur jirrespingi l-allegazzjoni li huwa naqas milli jwettaq uhud mill-obbligi kuntrattwalment, fil-fatt kienu l-konvenuti li naqsu li jwettqu l-istess. Fil-fatt l-attur onora skrupolożament il-kuntratt ta' impjieg li kellu.

Illi l-attur jirrespingi wkoll l-allegazzjoni li huwa abbanduna l-impjieg tieghu fil-jiem preċedenti ghall-kuncert tal-24 ta' Gunju 2017, kif ser jiġi ppruvat waqt is-smigh tal-kawza.

Illi b'hekk is-socjeta' konvenuta ma tistax tghid li kellha raġunijiet validi u suffiċjenti fil-ligi li tittermina l-impjieg tal-

attur a bażi tal-fatti allegati fir-rikonvenzjoni, u b'hekk l-attur qatt ma seta jinżamm responsabbli ta' ebda danni, u dan ukoll ghaliex l-attur onora l-obligi kuntrattwali tieghu kollha, u kif ser jiġi ppruvat fil-kawza il-kuntratt gie tteriminat ghax is-socjeta' konvenuta riedet li unilateralment tbiddel il-kondizzjonijiet tal-impjieg tal-attur.

Illi jrid jinghad li ai termini tal-kuntratt vigenti bejn il-partijiet is-socjeta' konvenuta setghet fi kwalunkwe stadju tittermina l-impjieg tal-attur basta thallsu "a full 3 year payment" – haġa li l-attur qed ifittex ghalija fil-kawza propja.

Illi minghajr preġudizzju ghas-suespost il-mod kif inhi redatta l-klawzola 7(b) tal-kuntratt bejn il-partijiet, f'kaz li s-socjeta' konvenuta tittermina l-impjieg tal-attur, huwa dejjem dovut il-pagament ta' tliet snin paga, u kwindi huwa wkoll irrelavanti li wiehed jiddibatti jekk is-socjeta' konvenuta kienitx ġustifikata jew le li tittermina l-impjieg.

Illi b'hekk it-talbiet rikonvenzjonjali ghandhom jiġu michuda bl-ispejjez.

Rat is-sentenza taghha diversament preseduta tas-27 ta' Marzu, 2018 dwar l-eccezzjoni preliminari ta' nuqqas ta' kompetenza *rationae materiae* biex tisma u tiddeciedi l-kontro-talba sollevata mill-attur rikonvenzjonat fir-risposta tieghu li biha cahdet din l-eccezzjoni bl-ispejjez a karigu tal-attur;

Rat id-dokumenti kollha esebiti mill-partijiet fl-atti bil-miktub kif ukoll dawn esebiti fil-mori tal-kawza;

Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tal-partijiet;

Semghet is-sottomissjonijiet verbali tal-partijiet;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat:

**Fatti fil-qosor:**

1. L-attur kien impjegat mas-socjeta' konvenuta fil-kapacita' ta' Artistic Director and Principal Conductor tal-Malta Philarmonic Orchestra permezz ta' kuntratt ta' mpjieg iffirmat bejn il-partijiet fit-12 ta' Novembru, 2013 ghall-perjodu ta' tliet (3) snin mill-ewwel (1) ta' Jannar, 2013 sal-31 ta' Dicembru 2016 "*and is automatically renewable*"[1]. Bl-eghluq ta' dan it-terminu, l-attur qies illi l-kuntratt kien awtomatikament mgedded ghall-tlett snin ohra wara li kien infurmat illi "*I am pleased to inform you that the Board of directors would like to revew the duration by a further three years*"[2] erbat ijiem qabel l-iskadenza tla-kuntratt. Is-socjeta' konvenuta, izda, kienet tal-fehma illi r-relazzjoni ta' bejnithom kienet tehtieg li jkun iffirmat kuntratt gdid tant illi kienet ipproponiet emendi ghall-kuntratt originali. Dawn l-emendi, skond is-socjeta' konvenuta kienu intizi sabiex jirriflettu l-

[1] Kuntratt esebit a fol 8 sa 1n
[2] Dok BS3 fol 109

izviluppi fir-relazzjoni ta' bejnithom b'dan illi l-attur qies illi dawn huma emendi ghall-kuntratt ta' impjieg vigenti stante li l-kuntratt originali kien awtomatikament imgedded. Dawk il-proposti ma kienux accettabbli ghall-attur rikonvenzjonat peress illi kienu anqas favorevoli mill-kundizzjonijiet originali u kienu ser jimminaw il-hidma tieghu fi hdan l-orchestra;

2. Minkejja l-posizzjoni sussegwentement addottata mis-socjeta' konvenuta li l-kuntratt originali kien intemm u wara diversi laqghat u diskussjonijiet li sehhew wara z-zmien definit tal-kuntratt originali u minkejja li l-attur kien ghadu ghaddej fil-qadi ta' dmirijiet tieghu, s-socjeta' attrici hadet decizzjoni sabiex "tittermina" l-kuntratt l-ewwel fuq il-premessa li l-attur naqas milli jiffirma ghall-bdil tal-kuntratt originali imbaghad ghaliex kien abbanduna d-doveri tieghu. Din id-decizzjoni ttiehdet fil-kuntest ta' allegat mgieba hazin da parti tal-attur li kien meqjus li abbaduna xoghlu. Haga din li l-attur jikkontesta b'mod ferventi tant illi iqis li l-impjieg tieghu kien ilu *de facto* terminat mis-socjeta' konvenuta bl-attitudini taghha meta bdiet timxi kontra d-decizjonijiet tieghu jew tiehu decizjonijiet li kienu prettament jaqghu fil-mansjoni tieghu u minn wara daru;

**Fatti fid-dettall:**

3. Tajjeb li jkun rilevat illi l-provi f'din il-kawza ilhom ikunu kompilati mis-sena 2017 b'waqfien impost mill-konsegwenzi tal-pandemija Covid-19. Jemergi mill-atti illi l-Qorti tat diversi oportunitajiet sabiex il-protagonisti jivventilaw l-ilmenti taghhom u dan maqsum fuq medda ta' seduti b'mod li jirrendi imprattikabbli r-riproduzzjoni tad-deposizzjonijiet b'mod

dettaljat dak li qalu l-protagonisti, jigifieri l-attur u Sigmund Mifsud li kien Chairman u CEO tas-socjeta' konvenuta fiz-zmien in-kwistjoni. Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi biex tissenjala l-aktar punti saljenti ta' dan il-kaz b'referenza ghal uhud mid-dokumenti minnhom esebiti;

4. Fis-sena 2013, Sigmund Mifsud, li dak iz-zmien kien ic-Chairman u c-Chief Executive Officer tas-socjeta' konvenuta, National Orchestra Limited, kien avvicina lill-attur sabiex jingaggah bhala Principal Conductor u Artistic Director tal-Malta Philarmonic Orchestra. Mifsud deherlu li l-Orchestra kellha htiega ta' talent gdid sabiex tinghata direzzjoni gdida u ssib postha ukoll fuq livell internazzjonali u li l-attur *qua* musicist, pjanist u konduttur ta' fama u esperjenza internazzjonali, kien il-persuna adatta ghal-dan il-ghan. L-attur ma kienx konvint izda finalment accetta dan ir-rwol u kien abbozzat kuntratt ta' mpjieg li fih ippartecipa l-istess attur billi ppropona fost ohrjan l-idea, eventwalment inkorportata fil-kuntratt, li ghall-hames kuncerti fis-sena li ghalihom kien responsabbli, minghajr remunerazzjoni ohra, issir ripetizzjoni ta' kull kuncert taht id-direzzjoni tieghu, b'mod allura li minkejja li jithallas ta' hames kuncerti fil-fatt ikun qed jikkonduci ghaxar kuncerti;

5. Illi dan il-kuncett ta' talent gdid ghall-orkestra kien, tista' tghid, il-"brain child" ta' Sigmund Mifsud li wara l-isforzi tieghu biex jikkonvinci lill-attur issa kellu ostakolu iehor quddiemu, dik li jikkonvinci lill-Bord tas-socjeta' u lill-Ministeru sabiex jaccettaw il-proposta stante li kellu opposizzjoni qawwija minn kull naha. F'ittra lill-Prim Ministru, Sigmud Mifsud jghid hekk:

*Dear Prime Minister,*
*As you are aware we are in discussion with Mr. Brian Schembri to hopefully entice him into becoming the chief conductor of the MPO; however I would like to share the following difficulties.*

*In the first instance I do not believe The Hon Dr. Herrera quite understands the impact of Brian's experience and skills would have. Secondly, it is possible to suggest that after 25 years with one man conducting the same orchestra, the time is right for fresh impetus and a new direction It is my belief that the orchestra needs to be involved in tours around Europe and beyond; it would be a way to export our identity, say something about our country through music and aid the tourism sectors's efforts..../... In addition, I am ashamed to say that our orchestra has not even one single high quality recording of any music that can identify us. We need a conductor who knows the right team that can help us produce such a recording; this conductor is Brian Schembri. Brian is a natural leader, he inspires and motivates musicians to play better and has a good vision of how things can improve in the local scene. His thirst for perfection is often misunderstood, in the sense that, he is not involved in projects just for the sake of being involved; he prefers to affiliate himself, his reputation and efforts with projects he knows he can perfect and that are valued. Yes he is expensive and that is contentious but only where people's self interests are in conflict. He offers value for money and massive experience; the like of which we desperately need in order to take advantage of our year in the spotlight of Cultural Europe. ..../.... This is the time to change things and I sincerely believe we can be one of the best orchestras in Europe. I would be grateful for your suggestion and your wise input.*[3]

6. Dawn in-negozjati u hidma ta' Sigmund Mifsud waslu ghall-ftehim bejn is-socjeta' konvenuta li tieghu qed ikunu puntwalizzati l-aktar aspetti saljenti tieghu ghall-fini ta' din il-kawza:

[3] Ittra bla data mmarkata Dok KB1 a fol 485

- The Maestro shall be engaged with the Orchestra as Artistic Director and Principal Conductor of the MPO[4]
- The duration of this agreement shall be that of 36 months as from 1 January 2014 up and until 31 December 2016 and is automatically renewable.[5]
- The Maestro shall be responsible to provide the Orchestra with the following services. A) as Artistic Director, the Maestro will be responsible for: Consultation services to the Chairman, the Board and other staff, as the case may be regarding all activities of the orchestra, namely the general organization of all MPO's activities; the identification of adequate spaces for all the MPO's music activities available, including those existing, presently or eventually under construction and the study for their optimum use; the development as necessary, of a structure plan including logistics administration and technical, for implementation in the forthcoming seasons; the participation and counselling in the choice of related staff recruitment; the elaboration of the music programme of the Orchestra, namely: the organizationa and set-up of the MPO's calander of all activities; the choice of repertoire and programming policy; the choice of guest artists (conductors, soloists, and any other artistic collaborators0; the final choice in the recruitment process of new members of the MPO; the development of new audiences and educational programmes. As Principal Conductor: The Maestro guarantees his services to conduct the MPO in a minimum of 5(five) programmes per year. Each

[4] Klawsola numru 1 tal-kuntratt ta' impjieg esebit a fol 8 *et seq*
[5] Klawsola numru 2

Programme may be given a maximum of 2 consecutive performances....[6];

- At the expiry of the term as identified in clause 2, the Orchestra shall offer the Maestro a right of first refusal to the same post with no less favourable conditions than those current at the expiry of the period should the post be reconfirmed for a further period.
- Should this agreement be terminated by the Orchestra, the Orchestra will pay the Maestro a full 3 year term payment.
- This agreement can be terminated by the Maestro, for any reason and at any moment. In such eventuality, the Maestro will give the Orchestra a six month official notice and guarantees to honour all current pending obligations during the current termination period of six months.[7]

7. Issa, mill-provi akkwiziti jidher illi dak li aspira ghalih Sigmund Mifsud immaterjalizza u l-Orchestra kellha successi kbar sahansitra barra minn Malta. Ghal ragunijiet maghrufa lis-socjeta' konvenuta, izda, vicin it-tmiem tal-kuntratt originali bdew isehhu hwejjeg li bil-mod il-mod kienu qed jimminaw l-awtorita' li l-Maestro kien jehtieg, u li kellu kwazi matul it-tlett snin, sabiex l-Orchestra zzomm il-livell li kienet lahqet. Hekk per ezempju meta kien qies li ghal kuncert partikolari kellu bzonn jingagga muzicisti oltre dawk li huma permanenti u ta d-direzzjoni biex isir hekk, meta wasal iz-zmien tal-kuncert sab illi dan ma kienx sehh u meta staqsa ghaliex inghata r-risposta li hekk kien ordna Sigmund Mifsud;

[6] Kalwsola numru 3
[7] Klawsola numru 7

8. Il-Qorti mhix ser tinoltra f'rassenja tal-ezempji kollha rakkontati mill-attur b'dan illi tqis li hi konvinta li dawn sehhew kif minnu rakkontati meta ezaminati mill-ottika tax-xenarju prezentat lilha u li fattwalment ma ngiebet ebda prova kontrarja dwarhom. Sufficjentement jinghad illi din is-sitwazzjoni pprorogat ruhha sa wara t-tmien tal-kuntratt originali li skond l-attur kien awtomatikament imgedded meta kien formalment notifikat illi: "*since you have not accepted to sign the contract with the new terms and conditions I gave instructions to the management not to involve you in any artistic decisions related to the MPO*"[8];

9. Tajjeb li jkun osservat ukoll dak kontenut f'komunikazzjoni ohra mal-attur fejn intqal hekk: "*May I also remind you that as decided by the board of directors a programming committee has been set up to plan next year's artistic programme. We had our first meeting last week and it was decided to offer you 3 concerts from our series of concerts organized by the MPO. If you agree to take such a commitment I shall send you the proposed dates and we will discuss the terms and conditions*"[9]. Haga din li kienet fil-mansjoni tal-attur bhala Artistic Director;

10. Illi b'hekk l-attur sab ruhu f'ambjent fejn f'ghajnejn il-management u l-membri tal-orchestra ma kienx ghad ghandu dik l-awtorita' ta' treggija. Minkejja dan, u kif juru l-atti, huwa rmedja ghall-kull sitwazzjoni billi l-progamm kif imfassal dejjem sehh anke jekk b'tibdil fil-bicciet maghzula sabiex jaghmel tajjeb ghal dak michud minn Sigmund Mifsud. F'sitwazzjonijet ohra

[8] Dok BS29 a fol 205
[9] Dok BS30 a fol 206

sab ruhu fejn wara awdizzjonijiet kienu ingaggati muzicisti kontra l-parir tieghu li intghazlu fuq ohrajn li kienu ta' kompetenza akbar minkejja li dik id-decizzjoni kienet finalment tispetta lilu;

11. Minn naha taghha, s-socjeta' konvenuta sia ghal-fini tar-risposta taghha kif ukoll kwantu t-talbiet rikonvenzjonali taghha, allegat diversi nuqqasijiet da' parti tal-attur fosthom li kien qed iqieghed ir-reputazzjoni tal-Orchestra f'dell hazin b'tali mod li l-isponors taghha kienu qed jabbandunawha. Allegat ukoll li kellha tinkorri spejjez zejda billi tingagga Maestro iehor biex jikkonduci kuncert partikolari. Dak li semghet il-Qorti, izda, huwa biss *detto del detto* u ma ngiebet ebda prova sostenibbli dwarhom, apparti l-fatt li jidher li dak allegat kien jirreferi ghal zmien meta r-relazzjoni bejn l-attur u s-socjeta' konvenuta kienet intemmet. Jekk is-socjeta' konvenuta allegat certu komportament iebes da parti tal-attur mal-membri tal-orchestra, ma ngiebet ebda prova diretta mqarr minn membru wiehed. Minn dak li semghet il-Qorti, l-attur huwa perfezzjonist u jesigi xejn hlief rizultat ta' kwalita' mill-muzicisti; jekk kellu jsir *recording* tal-muzika kellu jkun infurmat qabel peress li kien hu responsabbli ghall-ghazla taghha u jekk kellu diverbju mal-kumpaniji li kienu prezenti biex jiehdu filmat ta' kuncert minghajr preavviz meta kellu l-ahhar decizjoni fuq hekk, allura kien gustifikat li jilmenta mal-kumpaniji u mhux mal-*camera person* kif allegat mis-socjeta' konvenuta;

Ikkunsidrat:

12. Illi esposti dawn il-fatti, izda, l-kwistjoni odjerna mhix dwar jekk is-socjeta' konvenuta kelliex ragun fit-terminazzjoni tal-kuntratt ta' mpjieg tal-attur. Ezami u decizzjoni in rigward tezorbita l-kompetenza ta' din il-Qorti stante li hi rizervata ghat-tribunal appozitu. Il-pern tal-kwistjoni odjerna huwa jekk l-attur huwiex intitolat ghall-penali kawza ta' terminazzjoni ta' kuntratt vigenti li jistipula li terminazzjoni minghajr raguni valida da parti tas-socjeta' konvenuta iggib maghha hlas ta' tlett snin paga u jekk l-allegat abbandun ta' doveri igibx jissarrafx f'kundanna ghall-hlas ta' dawk id-danni;

13. Meta waslet biex tintemm id-durata tal-kuntratt originali, is-socjeta' konvenuta infurmat hekk lill-attur:

> ***"Dear Brian***
> ***Reference is made to your contract of employment with the MPO which is due to expire on the 31 December 2016.***
> ***I am pleased to inform you that the Board of Directors would like to renew the duration by a further three years.***
> ***To this effect the MPO shall prepare a reviewed contract of employment to adhere with Maltese Legislation"***[10]

14. Dan l-avviz jemergi minn email mibghuta minn Sigmund Mifsud lill-attur fis-27 ta' Dicembru 2016, jigifieri erbat ijiem qabel jintemm it-terminu definit tal-ewwel kuntratt. L-attur rreagixxa ghall-dan billi qies li ma kien hemm ebda htiega ta' kunratt gdid stante li l-kuntratt originali jiggedded b'mod

[10] Dok BS3 a fol 109.

awtomatiku. L-attur ghandu ragun dwar dan la darba din il-klawsola hija cara u ma tammetti l-ebda htiega ghall-interpretazzjoni. In sostenn ta' din il-konvinzzjoni, tajjeb li jinghad illi l-attur baqa' jippercepixxi l-paga tieghu wara l-iskadenza tal-kuntratt originali issa meqjus bhala imgedded ghall-tlett snin ohra;

15. Irid ikun ukoll puntwalizzat illi minkejja dan, l-attur kien qabel ma' hafna mill-emendi proposti biex "jemendaw" il-kuntratt imgedded hlief ghal dawk li kienu ser jaghtu xejra differenti ghall-ingagg tieghu. Is-socjeta' konvenuta riedet tibdel il-kuntratt tal-attur minn wiehed ta' impjieg ghal wiehed ta' servizzi fejn issa jsir "self employed"kif ukoll li jnehhulu dik l-funzjoni li ssawwar r-rwol ta artistic director. Haga din li kienet ilha ddejjaq lill-Sigmund Mifsud tant illi f'okkazzjoni minnhom irrifjuta li formalment jirrikonoxxi lill-attur bhala Artistic Director waqt awdizzjoni u projbixxa lill-istess attur milli jaghmel hekk hu stess;

16. Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi wara li l-kuntratt originali kien imgedded awtomatikament ghall-tlett snin ohra, s-socjeta' konvenuta ghamlet minn kollox biex tqieghed lill-attur f'qaghda li ma jkunx jista' jonora l-obbligi tieghu, liema azzjonijiet raw il-qofol taghhom f'kuncert li l-partijiet jirreferu ghalih bhala l-Kuncert tal-Indipendenza fejn l-attur ra kif jaghmel biex ivarja l-programm sabiex dan isir akkost tad-difikultajiet minnu riskontrati provenjenti mis-socjeta' konvenuta;

17. Tajjeb li jkun senjalat ukoll illi fil-21 t'Awissu, 2017, jigifieri tmien xhur wara t-tmien tal-kuntratt originali, f'laqgha ta' Bord tas-socjeta' konvenuta kien registrat illi *"The board was informed that Mro Schembri has not accepted the amendment to his contract proposed by the Board at its meeting of the 20th July 2017, namely a contract of service for 4 years. Therefore the Board unanimously agreed to terminate the current contract"*[11]. Ifisser dan illi l-kuntratt originali kien ukoll meqjus bhala mgedded mill-istess socjeta' konvenuta u li t-terminazzjoni bazata fuq l-abbandun tad-doveri tieghu emergenti mill-Kuncert tal-Indipendenza kienet biss pretiza opportunistika li s-socjeta' konvenuta ressqet biex tiggustika d-decizzjoni gia minnha mehuda wara li ntebhet li t-terminazzjoni kien jesponiha ghal-hlas ta' tlett snin salarju;

18. Maghmulha dawn il-konsiderazzjonijiet l-Qorti tqis illi l-eccezzjonijiet maghmulha mis-socjeta' konvenuta u t-talbiet rikonvenzjonali taghha, bl-ebda mod minnha pruvati, ser ikunu michuda;

19. Tqis ukoll illi fit-terminu tal-istess kuntratt li jorbot lill-partijiet, s-socjeta' konvenuta hija passibbli ghal-hlas ta' tlett snin paga. F'dan il-kaz, l-ammont dovut lill-attur huwa dak minnu indikat ta' €168,431.96;

**Decide:**

**Ghal dawn ir-ragunijiet, taqta' u tiddeciedi billi:**

[11] Dok B a fol 14

1. **Tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta**
2. **Tichad it-talbiet rikonvenzjonali tas-socjeta' konvenuta;**
3. **Tichad l-ewwel talba tal-attur ghad-dispensa ta' smiegh fit-termini tal-artikoli 167 *et seq* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;**
4. **Tilqa' t-tieni talba tal-attur u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur s-somma ta' €168,431.96 rapprezentanti tlett snin paga .**
5. **Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta, ghajr ghal dawk konnessi mal-eccezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza kif deciz fis-sentenza in parte tas-27 ta' Marzu, 2018 li biha ordnat li l-ispejjez dwar dik l-eccezzjoni huma a karigu tal-attur, inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru intavolat kontestwalment u bl-imghaxijiet legali mill-21 ta' Awwissu 2017.**

---

Onor. Dr. Giovanni M Grixti

Imħallef

---

Nicole Cini

Deputat Reġistratur